L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 25 ta' Lujlu, 2003

**Zewg kostituzzjonijiet**

Nixtieq li f'dawn il-gimghat li gejjin inhares harsa sewwa mill-qrib lejn x'se jitbiddel billi l-Kostituzzjoni Ewropea tidhol fis-sehh. Ghalkemm kulhadd ghandu idea minima ta' liema tibdiliet fis-sistema Ewropea jistghu jsehhu u kif dawn jistghu jolqtu lil pajjizna, is-sugget li se niddiskuti f'dawn il-gimghat huwa wiehed minn dawk is-suggetti li kulhadd jisthi jistaqsi dwaru ghax jibza' li haddiehor jiddiehak bih!

Ghalkemm suppost li vvotajna fuqu, ghalkemm hemm min irid jaghti x'jifhem li l-pubbliku jifhem fis-sistema l-gdid li biha se titmexxa l-Unjoni, huma l-vera ftit li jifhmu fih.

Dawn l-artikli jaghtu opportunità lill-qarrej ta' **l-orizzont** jaqra dwar il-Kostituzzjoni Ewropea iktar fid-dettall. Se nirriproduci wkoll xi artikli ta' l-istess kostituzzjoni u bl-Ingliz (ghax il-verzjoni Maltija harget kif harget!).

Biex wiehed ikun jista' jifhem kif tbiddel is-sistema, suppost li l-ewwelnett jitkellem ftit dwar is-sistema kif ezistiet s'issa. Il-Kostituzzjoni Ewropea hija l-prodott li hareg wara perjodu li jinvolvi t-Trattat ta' Ruma, is-SEA (1987), it-Trattat ta' Maastricht (1993), it-Trattat ta' Amsterdam (1999) kif ukoll it-Trattat ta' Nizza. Billi nelenkaw dawn it-trattati nkunu qeghdin nitkellmu lejn l-akbar tappi li minnhom ghaddiet l-U.E. Fost is-suggetti li jiddistingwu trattat minn iehor prevalenti huma l-oqsma li jaqghu taht il-kompetenza ta' l-Unjoni, dwar kif l-Unjoni tista' b'xi mod tillegisla dwar qasam partikulari jekk hux b'koperazzjon biss bejn il-pajjizi membri jew inkella jekk maggoranza kwalifikata milhuqa fl-istituzzjonijiet tkunx bizzejjed, ir-rwol tar-rapprezentanza tal-popli tal-pajjizi membri, jigifieri l-Parlament Ewropew, ir-rwol tal-Qrati Ewropej, ir-rwol tal-Qrati Ewropej u l-individwu. Fil-Kostituzzjoni Ewropea kienu dawn l-oqsma li baqghu prevalenti.

**Supremazija tal-Kostituzzjoni Ewropea**

Suggett li ghal darb'ohra huwa fuq quddiem hija s-Supremazija tal-Kostituzzjoni Ewropea. Inqabbilha ma' l-ewwel kmandament 'Jien hu Alla Sidek, ma jkollokx Alla iehor ghajri'. Il-Kostituzzjoni tghid 'The Constitution…. Shall have primacy over the law of the Member States'. Huwa hawnhekk li l-Kostituzzjoni taghna f'Artiklu 6, li tghid li 'jekk xi ligi ohra tkun inkonsistenti ma' din il-Kostituzzjoni, din il-Kostituzzjoni ghandha tipprevali u l-ligi l-ohra ghandha, safejn tkun l-inkonsistenti, tkun bla effett, sejra tigi mminata. M'hemm l-ebda dubju li xi wiehed minn dawn iz-zewg artikli jrid icedi lill-iehor. U huwa wkoll hawnhekk li rridu naraw x'tibdil irid isir ma' shubija shiha fl-U.E.

Artiklu iehor li fil-fatt huwa proprju parti mill-artiklu li jissalvagwadja s-supremazija tal-Kostituzzjoni Ewropea huwa dak li jghid li l-istati membri ghandhom jiehdu kwalunkwe mizuri addattati, generali jew partikulari, biex jiggarantixxu t-twettiq ta' l-obbligi li johorgu mill-Kostituzzjoni Ewropea jew li jirrizultaw mill-Atti ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej. Dan huwa artiklu li jaspira konsistenza fit-twettiq ta' l-obbligi ta' l-istati membri, izda li min-naha l-ohra, jiftah bibien shah ta' interpretazzjoni

'kwalunkwe mizura' x'tista tfisser ezattament? Tista tfisser sanzjonijiet ekonomici jew turija ta' forza?

Ghalkemm il-kelma ‘mizura’ fil-verità hija abbinata ma’ ‘addattata’, bl-istess argument li Alla m’ghandux jissemma fil-Kostituzzjoni Ewropea biex ma jiftahx bibien ta’ interpretazzjoni, allura dan l-artiklu seta’ wkoll ma tnizzilx! Huwa ovvju li l-Unjoni ghandha l-modi taghha permezz, tal-Qrati taghha u tal-Kummissjoni, biex tara li dak li wieghed stat iwettqu.

Artiklu bhal dan jista’ biss izid dak li tista’ tirrikorri ghalih l-Unjoni fejn hemm stat li mhux qed jimxi kif tixtiequ l-Unjoni. U ghalkemm l-U.E. hija bbazata fuq id-demokrazija, xejn ma jeskludi li jinholqu cirkostanzi fejn pajjiz ma jixtieqx jimxi mal-politika ta’ l-Unjoni ghalkemm mhux qed ikun anti-demokratiku.

**Kompetenza shiha ta’ l-U.E., sigurtà u difiza**

L-Unjoni ghandha certi oqsma fejn tgawdi kompetenza shiha. Fil-Kostituzzjoni Europea qed jerga’ jigi applikat dak li teknikament jissejjah ‘il-principju tas-sussidjarjetà – dan ma jfisser xejn hlief li d-decizjoniet jittiehdu qrib ic-cittadin kemm jista’ jkun possibbli. Ghalkemm fejn il-parlamenti tal-pajjizi huma kompetenti l-Unjoni ma tindahalx. Pero’ fejn l-U.E. ghandha l-kompetenza l-Istati ma jindahlux!

Bla dubju ta’ xejn l-iktar qasam kontroversjali minn dal-lat huwa dak tad-difiza u l-politika barranija. Dwar dan il-Kostituzzjoni Ewropea, f’Artiklu 1 15.1 tghid li ‘il-kompetenza ta’ l-Unjoni .. tkopri l-oqsma kollha tal-politika barranija u l-kwistjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mas-sigurtà ta’ l-Unjoni, li tinkludi l-binja progressiva ta’ qafas ta’ politika komuni ta’ difiza li tista’ twassal ghal difiza komuni’. Iktar minn hekk, f’Artiklu 1 15.2 il-Kostituzzjoni tghid: ‘L-istati membri ghandhom attivament u bla ebda rizervi jappoggjaw il-politika barranija ta’ difiza u sigurtà ta’ l-Unjoni f’dan il-qasam. Ghandhom joqoghdu lura milli jaghmlu azzjonijiet kuntrarji ghall-interessi ta’ l-Unjoni jew li jistghu jaffettwaw hazin l-effettività taghha.

Dan jikkuntrasta bil-kbir ma’ dak li tghid il-Kostituzzjoni Maltija f’Artiklu 1 (3) ‘Malta hija stat newtrali li jrid attivitament jilhaq il-paci, is-sigurtà u l-progress socjali fost in-nazzjonijiet kollha billi jhaddan politika ta’ non-allineament u jirrofta li jippartecipa f’kull alleanza militari’. Ghalkemm dan l-artiklu huwa kkwalifikat b’paragrafi, il-kuntrast ma tridx tkun espert tal-ligi biex tarah. Huma dawn l-iktar zewgt oqsma li fil-fatt gabu kontroversji f’pajjizna. Wiehed jistenna li l-Kostituzzjoni stess trid tigi mmodifikata b’xi mod halli d-diskrepanza tonqos.

Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net